

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-004006/2022

lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Alexandra Geese (Verts/ALE), **Yannick Jadot** (Verts/ALE), **Rasmus Andresen** (Verts/ALE), **Francisco Guerreiro** (Verts/ALE), **Kim Van Sparrentak** (Verts/ALE), **Monika Vana** (Verts/ALE), **Olivier Chastel** (Renew), **Nathalie Loiseau** (Renew), **Marian-Jean Marinescu** (PPE), **Magdalena Adamowicz** (PPE), **Giuliano Pisapia** (S&D), **Stelios Kouloglou** (The Left), **Ignazio Corrao** (Verts/ALE), **Damien Carême** (Verts/ALE), **Alex Agius Saliba** (S&D), **Irena Joveva** (Renew), **Ernest Urtasun** (Verts/ALE), **Michal Šimečka** (Renew)

Suġġett: Is-sensji ta' kumpaniji kbar tat-teknoloġija u l-konformità mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali

Minn meta Elon Musk ħa f'idejh Twitter fis-27 ta' Ottubru 2022, il-kumpanija tat sensja lil nofs il-forza tax-xogħol tagħha ta' 7 500 persuna. Fil-bidu ta' Novembru, Facebook/Meta ħabbar li l-kumpanija se tagħti sensja lil 11 000 impjegat. Ġimgħa wara, Amazon bdiet ukoll tnaqqas il-forza tax-xogħol tagħha b'mod massiv u tippjana li timmira sa 10 000 rwol fil-forza tax-xogħol globali tagħha fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-kapaċità tal-kumpaniji tat-teknoloġija li jiżguraw il-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

1. Il-Kummissjoni kif tqis il-kwistjoni tal-konformità fid-dawl ta' dawn is-sensji?
2. Il-Kummissjoni kellha laqgħat dwar dan is-suġġett ma' kumpaniji tat-teknoloġija?
3. Il-Kummissjoni qed issegwi dawn l-iżviluppi mal-kumpaniji tat-teknoloġija permezz ta' mezzi oħra?

Sostenitur¹

Imressqa: 7.12.2022

¹ Din il-mistoqsija għandha s-sostenn ta' Membru ieħor apparti l-awturi : Rosa D'Amato (Verts/ALE)